



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

2011/2289(INI)

27.1.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-ġestjoni tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea
(2011/2289(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

PA_NonLeg

PE480.521v02-00

2/4

AD\890215MT.doc

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-għoti ta' statistika preċiża, rilevanti u ta' kwalità għolja huwa ta' importanza ewlenija għal żvilupp reġjonali sostenibbli u bbilançjat; jinnota li data preċiża u eżatta tikkostitwixxi l-bażi għall-kisba ta' informazzjoni dettaljata dwar oqsma individwali bħad-demografija, l-ekonomija u l-ambjent, u għalhekk għandha rwol ewlieni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-iżvilupp reġjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020;
2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tindirizza l-bżonn ta' informazzjoni statistika affidabbli li tippermetti lill-politiki tal-UE jirreaġixxu aħjar għar-realtajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fil-livell reġjonali;
3. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Eurostat li jistabbilixxi qafas ġuridiku għall-“Impenn dwar il-Fiduċja fl-Istatistika”; jenfasizza li l-konformità mar-regola tal-kunfidenzjalità tad-data fl-SSE (is-Sistema Statistika Ewropea), kif ukoll mal-prinċipju tas-sussidjarjet, se tgħin biex tkabbar il-fiduċja fl-aġenziji tal-istatistika;
4. Jinnota li huwa essenzjali li jitjieb il-mod ta' kif jaħdmu s-sistemi ta' kontabbiltà pubblika; madankollu jitlob lill-Kummissjoni tiċċara jekk l-istandardizzar tas-sistemi ta' kontabbiltà pubbliċi fl-Istati Membri huwiex meħtieġ u possibbi; jistieden lill-Kummissjoni tfassal metodoloġija komuni u timplimenta soluzzjonijiet effettivi, adattati u stabbiliti;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li tīgi żviluppata sistema koerenti għal riċerka fi proċessi soċjoekonomiċi f'żoni transkonfinali, inklużi dawk fir-reġjuni li jinsabu mal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-istatistika għall-makroreġjuni, sabiex tinkiseb stampa affidabbli, kompluta u preċiża tal-ekonomija f'termini ta' żvilupp reġjonali u makroreġjonali, li tkopri kemm id-dimensjoni urbana kemm iż-żoni rurali; jemmen li l-mekkaniżmi ta' riċerka marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti għandhom jitjiebu; jinnota, ukoll, li l-kontijiet reġjonali u nazzjonali għandhom jiġu sorveljati mill-qrib bħala parti minn sistema robusta ta' ġestjoni ta' kwalità għall-istatistika tal-UE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.1.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:
	44 0 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Evgeni Kirilov, Lena Kolarska-Bobińska, James Nicholson, Ivari Padar, Heide Rühle, Giommaria Uggias
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Julie Girling